# ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

## Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

## It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

# L-Eżamijiet Alternattivi Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014

| | | |
|---|---|---|
| KARTA MUDELL | Il-MALTI | Ħin: 30 minuta |
| Livell 4-5 | (Il-Fehim mis-Smigħ) | |

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: __________

| Il-Marki |
|---|
| Il-Fehim mis-Smigħ |
| ________ 20 marka |

*Kull tweġiba tajba tingħata marka*

Taħriġ A

Immarka t-tweġibiet t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

1. Skont il-Kap tal-Iskola, tifel mill-iskola tagħna ġie l-ewwel f'tellieqa.

VERU ☐ FALZ ☐

2. Dan it-tifel jismu Keith Schembri.

VERU ☐ FALZ ☐

3. Huwa jinsab fil-Ħames Sena.

VERU ☐ FALZ ☐

4. Ilbieraħ saret tellieqa bejn l-iskejjel kollha tal-Kulleġġ.

VERU ☐ FALZ ☐

5. B'kollox ħadu sehem sitt itfal minn seba' skejjel differenti.

VERU ☐ FALZ ☐

6. Fit-tellieqa ħadu sehem żewġ subien mill-iskola tagħna.

VERU ☐ FALZ ☐

**Taħriġ B.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.**

1. Mill-iskola tagħna ħadu sehem fit-tellieqa:
a) tifel u tifla.
b) żewġt ibniet.
ċ) żewġ subien.

2. Skont is-silta, is-Sinjura Borg tgħallem:
a) il-Malti.
b) l-Edukazzjoni Fiżika.
ċ) l-Arti.

3. It-tfal li ħadu sehem fit-tellieqa damu jitħarrġu:
a) xahar.
b) xahrejn.
ċ) tliet xhur.

4. Jum il-Ġenituri se jkun:
a) il-Ħamis.
b) il-Ġimgħa.
ċ) it-Tnejn.

5. Skont is-silta l-Assistent Kap tal-Iskola huwa:
a) is-Sur Borg.
b) is-Sur Schembri.
ċ) is-Sur Camilleri.

6. Il-karta li se jkollhom jieħdu magħhom it-tfal turi li issa l-ħin ta' Jum il-Ġenituri se jibda:

a) fit-tmienja u kwart.

b) fit-tmienja u nofs.

ċ) fid-disgħa.

**Taħriġ Ċ.**

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

1. Il-________________ li ġejja t-tfal tar-Raba' Sena se jmorru l-____________.

2. It-tfal iridu jħallsu ________________ ewro u _______________ ċenteżmu.

3. Il-flus li jiġbru se jerfgħuhom għall-_______________.

**Taħriġ D.**

**Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.**

1. Lit-tifel ħasbuh vleġġa, fl-espressjoni **għal ftit ma ħsibniehx vleġġa**. Din tfisser li t-tifel kien:

a) ġera bil-mod.

b) ġera bis-saħħa.

ċ) ġera għal ħin twil.

2. Il-qawl **min jorqod ma jaqbadx ħut** ifisser li:

a) min ma jaħdimx ma jistenniex riżultati tajbin.

b) min jaħdem jaqbad ħafna ħut.

ċ) min jorqod imur tard għax-xogħol.

3. Il-qawl **bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra** jfisser li:

a) tfaddal il-flus ftit ftit.

b) il-vit iqattar qatra qatra.

ċ) ġarra mimlija tqila ħafna.